**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 26**

**It-Tnejn, 7 ta' April 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.07 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Ivan Castillo*, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, , l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. Alison Zerafa Civelli** kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Adrian Delia
**Sostitut tal-Onor. Omar Farrugia

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa 25, li saret it-Tlieta, 1 ta' April 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR JONATHAN BORG GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-PANAMA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, li fiha kien hemm 19-il nomina għal Ambaxxaturi mhux residenti. Skont ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa Nru 25 li saret fl-1 ta' April 2025, dawn in-nomini kienu se jitqassmu fuq numru ta' laqgħat u l-Kumitat kien ser jeżamina kull nomina individwalment.

Il-Kumitat kellu quddiemu n-nomina tas-Sur Jonathan Borg għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Panama.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Jonathan Borg sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Borg bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Jonathan Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Jonathan Borg li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Borg ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala Direttur tal-Affarijiet Marittimi u spjega l-għanijiet li għandu sabiex itejjeb ir-relazzjonijiet ta' Malta mal-Panama u l-aspetti Globali preżenti. huwa tkellem ukoll kif għandu pjan li jesplora wkoll is-sostenibilità u l-ambjent fost oħrajn.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni..

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Jonathan Borg u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.18 p.m. is-Sur Jonathan Borg irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Jonathan Borg għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Panama. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.19 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Jonathan Borg jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Jonathan Borg daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Panama kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.20 p.m. is-Sur Jonathan Borg irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR JESMOND CUTAJAR GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ISLOVENJA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Sur Jesmond Cutajar għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-iSlovenja.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Jesmond Cutajar sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-sur Cutajar kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil-5.21, is-Sur Jesmond Cutajar daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Jesmond Cutajar li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Cutajar ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala Kap għas-Servizzi ta' Informazzjoni Ajronawtika (AIM) mal-Air Traffic Services Ltd, kif ukoll ir-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Iżlanda bejn l-2020 u llum. Hu ta spjegazzjoni vasta tax-xogħol li wettaq sakemm kien Ambaxxatur

mhux residenti, kif ukoll numru ta' Memoranda għal xogħol varjat sabiex il-kuntatti mal-Maltin ikun mifrux fuq diversi servizzi, fosthom il-kultura, il-mużika, it-turiżmu, it-teknoloġija avvanzata, kif ukoll l-informatika. Hu ta wkoll rendikont ta' dak li qed jippjana li jwettaq sakemm ser ikun ambaxxatur mhux residenti għas-Slovenja, fejn ser ikun qed jibbaża l-pedament kif għamel fl-Iżlanda.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni estensiva fuq dawn il-mistoqsijiet.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Jesmond Cutajar u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.32 p.m. Sur Jesmond Cutajar rtirt mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Jesmond Cutajar għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Slovenja. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.34 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Jesmond Cutajar jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Jesmond Cutajar daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għas-Slovenja kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.34 p.m. is-Sur Jesmond Cutajar irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR ANTHONY MICELI DEMAJO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-ORDNI SOVRANA MILITARI TA' MALTA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sur Anthony Miceli Demajo għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ordni Sovrana Militari ta' Malta.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Anthony Miceli Demajo sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Miceli Demajo kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 5.38 p.m. Is-Sur Anthony Miceli Demajo daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Miceli Demajo ta rendikont tal-karriera tiegħu fin-negozju, fejn beda l-ħidma tiegħu bħala student fl-Ingilterra sabiex jitgħallem il-mestier, u bħala impjegat fil-kumpanija mmexxija mill-familja tiegħu stess, liema kumpanija llum huwa d-direttur maniġerjali tiegħu. Hu kellu wkoll diversi rwoli f'bordijiet, kif ukoll Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għall-Prinċipat ta' Monaco.

Sur Miceli Demajo ta ukoll sommarju u spjega l-qagħda kurrenti tal-iSMOM u l-importanza li żżomm kuntatt u relazzjonijiet b'saħħithom ma' Malta.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni qasira.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Anthony Miceli Demajo u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fil-5.45 p.m. Sur Anthony Miceli Demajo rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Anthony Miceli Demajo għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ordni Sovrana Militari ta' Malta. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-5.46 p.m. il-Kumitat stieden lil Sur Anthony Miceli Demajo jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Anthony Miceli Demajo daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Ordni Sovrana ta' Malta kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fil-5.46 p.m. Sur Anthony Miceli Demajo irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DR LORNA VASSALLO GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAS-SENEGAL U L-KAPE VERDE**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Dr Lorna Vassallo għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde.

Il-Kumitat stieden lil Dr Lorna Vassallo sabiex tidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Vassallo kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Dr Lorna Vassallo daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Lorna Vassallo tat rendikont estensiv tal-karriera tagħha bħala impjegata fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin f'diversi oqsma u l-passjoni tagħha għall-politika internazzjonali, l-ammirazzjoni li għandha għal Franza u għall-kontinent Afrikan.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Lorna Vassallo u ntalbet tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha.

Fis-6.02 p.m. Dr Lorna Vassallo rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Lorna Vassallo għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-6.03 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Lorna Vassallo tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Lorna Vassallo daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta, mhux residenti għas-Senegal u l-Kape Verde kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fis-6.03 p.m. Dr Lorna Vassallo rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TA' DOTT CHRISTIAN ZAMMIT GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI GĦALL-ANGOLA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina ta' Dr Christian Zammit għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Angola.

Il-Kumitat stieden lil Dr Christian Zammit sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li Dr Zammit kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Fil- 6.04 p.m. Dr Zammit daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Zammit ta rendikont tal-karriera tiegħu u stqarr li din hija l-ewwel esperjenza tiegħu bħala Ambaxxatur mhux residenti, u l-pajjiż li ser ikun inkarigat minnu hu mhux daqshekk magħruf ma' Malta.

Dr Zammit ta wkoll sommarju u spjega l-qagħda kurrenti tal-Angola u r-relazzjoni tagħha mal-UE fejn tieħu xi fondi mill-Unjoni.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni qasira.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lil Dr Zammit u talbu jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fis-6.08 p.m. Dr Zammit irtira mill-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina ta' Dr Christian Zammit għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Angola. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fis-6.09 p.m. il-Kumitat stieden lil Dr Christian Zammit jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Dr Zammit daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenti għall-Angola kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru Affarijiet Barranin u Ewropej u t-Turiżmu.

Fis-6.10 p.m. Dr Zammit irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.11 p.m.il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**